MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 95/2007

**Saint James (Capua) Hospital Limited**
**(C14713)**

**Vs**

**John Preddy**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija u hmistax-il lira Maltin (Lm515) rapprezentanti interventi medici, akkomodazzjoni, u servizzi u spejjez ohra relatati li saru gewwa s-Saint James (Capua) Hospital, Sliema, fi Triq Gorg Borg Olivier, Sliema, fit-18 t’Awissu, 2004 u dana fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Vince Schembri li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u hmistax-il lira Maltin (Lm515), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------